**11 ta' Lulju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Emmanuel Mifsud

**Sentenza mogħtija fl-Assenza ta' l-Imputat**

***Skond ġurisprudenza ċara u kostanti l-assenza ta' l-imputat mill-Qorti fil-ġurnata li fiha ngħatat is-sentenza ġġib bħala konsegwenza l-ineżistenza totali kemm tas-sentenza appellata, kif ukoll tas-smigħ tal-kawża li ppreċeda u ddetermina dik is-sentenza.***

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba b'ċitazzjoni kontra Emmanuel Mifsud talli fil-21 ta' Ottubru, 1991 għall-ħabta tas-7.50 a.m . f'Carmel Street, Sliema saq vettura numru F-6535 kontra s-sinjal tat-traffiku indikat f'dik il-lokalità; (2) saq b'manjera perikoluża; (3) traskurata; (4) naqas li jobdi l-ordni leġitima mogħtija lilu mill-pulizija; (5) naqas li jipproduċi lill-Pulizija l-liċenzja tas-sewqan u (6) il-polza tas-sigurtà fi żmien skond il-liġi; il-prosekuzzjoni talbet li jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perijodu ta' mhux anqas minn tliet xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-18 ta' Frar, 1994 li biha dik il-Qorti, wara li , kif hemm miktub fl-istess sentenza, "Semgħet il-provi. Semgħet l-ammisjoni volontarja ta' l-imputat.", sabet lill-imsemmi Emmanuel Mifsud ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u wara li rat " l-artikoli 15(1) (a) (2) u 18(2) ta' Kapitolu 65, artikolu 338(ee) ta' Kapitolu 9, l-artikolu 8(1) ta' Kapitolu 104, L.N.94/69 u MVR 24", ikkundannatu jħallas multa ta' ħamsa u sittin lira (Lm65) u ssospendietu tliet xhur mill-liċenzji tas-sewqan;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Emmanuel Mifsud li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza msemmija u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena u/jew tagħti kull provvediment ieħor li jkun jidhrilha xieraq skond il-każ;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi fir-rikors ta' appell tiegħu l-appellant allega li fil-ġurnata li fiha nstemgħet u nqatgħet il-kawża, u ċjoè fit-18 ta' Frar, 1994, hu ma setax jidher il-Qorti, u għalhekk bagħat lil ċertu Angelo Aquilina sabiex jitlob li l-kawża tiġi differita. B'riżultat ta' xi malintiż, lil dana Angelo Aquilina jew ħasbuh missier l-imputat jew, kif hemm fil-verbal a fol. 10 ta' l-atti, ħasbuh l-imputat innifsu. Infatti, fis-sentenza appellata jingħad "Semgħet il-provi. Semgħet l-ammissjoni volontarja ta' l-imputat"; filwaqt li fil-verbal a fol.10 ta' l-atti hemm imniżżel "Meta ssejħet il-kawża deher Emmanuel Mifsud." Issa, dwar dan il-verbal a fol.10 din il-Qorti ġa rrimarkat (ara digriet tad-9 ta' Mejju, 1994) li dan, bħall-verbali l-oħra kollha minn fol.2 sa fol.10, ma setgħux jitqiesu bħala kopji veri għax la kienu ffirmati mir-reġistratur u anqas mill-iskrivan ta' l-awla. Il-fotokopja tal-*prime note* tas-seduta tat-18 ta' Frar, 1994, tgħid biss "Deher l-imputat Ammissjoni". Dan evidentement jikkuntrastja mas-sentenza, li tgħid ukoll li nstemgħu l-provi. Kollox ma' kollox din il-Qorti tara li ma tistax toqgħod fuq dawn l-atti, u konsegwentement ammettiet lill-appellant sabiex jixhed limitatament fuq dan il-punt. Mix-xhieda ta' l-appellant din il-Qorti hi sodisfatta li fit-18 ta' Frar, 1994, l-appellant ma deherx il-Qorti iżda deher minfloku Angelo Aquilina;

2. Għalkemm xi wħud mill-imputazzjonijiet kontra Emmanuel Mifsud kienu kontravvenzjonijiet, oħrajn - ara l-artikolu 15 tal-Kap.65 u l-artikoli 18(1) u 22(1) tal-Kap.104 - kienu delitti u għalhekk ma kinitx fi kwalunkwe każ applikabbli

d-dispożizzjoni ta' l-artikolu 374(b) tal-Kap.9. Skond ġurisprudenza ċara u kostanti ta' dina l-Qorti, l-assenza ta' l-imputat mill-Qorti fit-18 ta' Frar, 1994 iġġib bħala konsegwenza l-ineżistenza totali kemm tas-sentenza appellata kif ukoll tas-smigħ tal-kawża li ppreċeda u ddetermina dik is-sentenza (ara **Il-Pulizija v. Żakarija Calleja**, 18 ta' Novembru, 1976; **Il-Pulizija v. Carmelo Debono**, 1 ta' Diċembru, 1977; **Il-Pulizija v.Stephen Caruana**, 24 ta' April, 1986; **Il-Pulizija v. George Fava**, 31 ta' Mejju, 1984; **Il-Pulizija v. Anthony Magri**, 6 ta' Diċembru, 1984; **Il-Pulizija v. Anne Debono et.**, 28 ta' Lulju, 1988, kollha deċiżjonijiet ta' din il-Qorti).

3. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tipprovdi dwar l-appell billi tiddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi li s-sentenza appellata u s-smigħ tal-kawża li ppreċediha u wassal għaliha ma għandhom ebda effett legali u għandhom jitqiesu ineżistenti fil-konfront ta' l-appellant u li, konsegwentement, ma hemmx lok li tipprovdi ulterjorment fuq dana l-appell.